MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Talba Numru. 50/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 14 ta' Lulju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 50/06ISB**

**Mary Deguara (I.D. 196059M)**

**Vs**

**Noel Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta’ Jannar 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta’ tliet mitt Liri Maltin (Lm300), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta’ Lulju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tliet mitt Liri Maltin (Lm300), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------